**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Disgħa (9)

## It-Tlieta, 4 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**ASSENTI:**

Ħadd

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**09.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**09.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-tmien (8) laqgħa tas-7 ta' Jannar, 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**09.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta update dwar is-sitwazzjoni Finanzjarja. Daħlu €4,800 tal-LESA li kienu ilhom pendenti minn naha tar-Regjun ta' Għawdex fl-accounts tal-Kunsill. Għadna irridu ndaħħlu €4,000 Halloween, €2,000 Central Bank Balance. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri staqsa jekk aħna bhala Kunsill irċivejniex fondi fuq Triq Torri Sopu n-naha tar-residenti. S-Sindku innota li din t-triq kienet imwegħda lil residenti li issir dirett minn naħa tal-MGOZ u allura l-ebda flus ma dahlu fil-kont tal-Kunsill.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hem qbil unanimu fuq l-iskeda pprezentati u dawn ġew iffirmati.

Is-Segretarju Ezekuttiv ser tigbor informazzjoni dwar tipping fees u co-financing Rural Roads.

**09.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

09.4.1**.** Aperturi Kunsill – Dawn għadhom ma bdewx.

09.4.2. Patching – sar f'diversi toroq.

09.4.3. Qtugh ħaxix – Sar f'diversi inħawi.

09.4.4. Zbir sigar Karkanja- Dawn lesti.

09.4.5. Pending: Bankina Triq San Gwann, Bozza Triq Rabat, Titwitta Triq f'Ta Xhajma, Bozza Triq Hanaq, Kurduna Triq Piju Cellini.

09.4.6 Talbiet yellow lines- Triq San Blas u Triq Papa Ljun saru. Applikajna għal Xandriku, Triq San Ġwann u Belvedere Fatima.

09.4.7 Dog Bin – Dan twaħħal fi Triq tad-Duru.

09.4.8 Tabella Dangerous steep road- Din twaħħlet fi Triq Sopu għal Wied Bingemma.

09.4.9 Ittra Wasreserv Truck- Din intbgħatet ittra u ntlaqet tajjeb ħafna. Il-Kunsillier Jean Paul ser jieħu din f'idejħ bhala kalendarju biex dejjem jara jumejn qabel li hemm kollox preparat.

09.4.10 Laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex- Is-Sindku innota li l-agenda ser tkun fuq dawn l-issues:-

- Toroq- Mgarr, Tigrija u Qala, Daħlet Qorrot, Kenuna u Fatima, Bajja ta' San Blas, Triq ir-Ramla l-Qadima u Sopu.
- Programm Toroq Residenzjali
- Karnival u Mnarja
- Child Care Centre
- Railings ta' Xhajma
- Attendent fil-Muzew Marittmu, Shelter u Torrijiet

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri innota li jkun sew kieku tigi diskussa d-dar ta' Anzjani ukoll filwaqt li l-Kunsillier Joseph Vella innota li fl-agenda jkun hemm ukoll it-triq tal-bajja ta' San Blas li tgħati mill-parking area il-ġew. Is-Sindku ser jghaqqad kollox.

09.4.11. Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli: talba għal linji sofor kellimna lil resident peress li jagħmel uzu minn walking impairment, Car show u Falcon Show – din l-attivita' pjanata għal 22 ta' Marzu. Pendenti: Gibjun tal-Pjazza.

09.4.12. Rigward talbiet minn Joseph Vella: Cover bozza fi Triq San Gwann fil-process. Pendenti: Bankini San Gwann – din mibdija. Pendenti:- Bankina Dun Gwann fil-process u bozza Triq Knisja- ser mmexxu, laqgħa mal-Kumitat tal-Knisja rigward attivita' tat-tfal.

09.4.13. Rigward talbiet minn Josef Camilleri: Rampa Triq Xandriku fil-process; yellow lines Triq Diċembru 13 – lesti. Pendenti: Maintenance Sopu.

Kelma minn Ambaxxatur Żgħażagħ- Hu irringrazzja lil Kunsill ta' qabel u kif ukoll lil Kunsill preżenti. Kienu sentejn ta' esperjenza għalih fejn qal li tgħallem ħafna. Hu kompla jgħid li kien involut f'diversi attivitajiet u tgħallem Kunsill x'jinvolvi u li meta tkun fih tapprezza. Hu irringrazzja lis Sindku ukoll fejn jidħol l-aspett taż-żgħażagħ u li dejjem kien hemm bieb miftuħ għalihom. Hu awgura lil Ambaxxatur il-ġdid u kompla jgħid li hu ċert li ser ikun persuna responsabli bhal kull ambaxxatur li kien hawn fil-Kunsill tan-Nadur.

Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera irringrazzjaw lil Matthias Mercieca li dejjem kien lest biex jgħin meta ġie mitlub f'kull attivita' u li din l-esperjenza ser tkun qed tgħinu għal futur.

**09.5. Korrispondenza.**

| | |
|---|---|
| 6431 | Cirk 2020/005-Personal Accident Policy |
| 6432 | Cirk 01/20-Gheluq sena finanzjarja 2019 |
| 6433 | Laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex Clint Camilleri |
| 6434 | Cirkulari 02/2020- Access ghad-Direttivi, Cirkularijiet, Memos u noti |
| 6435 | PQ's 12253, 12554 |
| 6536 | Cirk. 2020/03 - Polza Assigurazzjoni tal-flus ghar-Regjuni u Kunsilli |
| 6537 | Cirk. 1/20- Korsijiet life long learning |
| 6538 | Ittra minghand FMVA Vintage motors festival 2020 dwar kollaborazzjoni |
| 6539 | Ittra minghand l-Arcipriet rigward talba tal-kuncert li ppropona l-Kunsill |

| | |
|---|---|
| 6540 | Direttiva 01/2020- Applowdjar tad-dokumenti statutorji fuq il-websajt |
| 6541 | Cirk. 2020/01-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Sahha 2020 |
| 6542 | Cirk. AKL 2020/002-partecipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-Earth Hour 2020 |

Nota: Kien hemm ukoll Ittra mingħand Għaqda Diċembru 13 għal kollaborazzjoni fis-Spettaklu ta' zmien il-Festa- Kien hemm qbil unanimu fuq dan għal kollaborazzjoni ta' €600.

**09.6. Offerti Pubbliċi.**

Is-Sindku innota li dawn il-kuntratti ser jiskadu u ser jinħargu oħrajn fix-xhur li ġejjin:-

*Construction of Pavements,* Gnien il-Kunsill u *Public Toilets*, *Service of an Architect* u *Bulky service.*

Kien hemm qbil li l-Accountant tibqa' fuq direct order peress li ammont huwa taht threshold. Kien hemm qbil li xorta jinġabru kwotazzjonijiet.

L-offerta fuq resurfacing ta' Triq ir-Ramla l-Qadima ser tgħalaq fil-11 ta' Frar 2020.

**09.7. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.**

**09.07.1 : Karnival**

Karnival:

Il-Press conference x'aktarx ser tkun l-Erbgħa 12th ta' Frar fit-3pm Malta. Il-Banners weħlu f'diversi postijiet ma' Għawdex. Il-Programm finalizzat u kulhadd infurmat anke għar rehearsals. Task Allocation -ser issir wara l laqgha li jmiss tas-sotto kumitat. Il-Kiosks huma issetjati. Il-Maskeruni tqassmu lil tal-bars. L-Exhibition tal-arti tat-tfal ta' l-iskola Primarja Nadur ser tkun il-Ħamis 20 ta' Frar fid-9:00am mal-Ministru għal Għawdex. Il-Kunsillier, Jean Paul hu responsabbli fuq din l-attivita'. Il-Partecipanti tal-Karnival Organizzat huma kollha konfermati bil-kuntratt. Is-Sound system u DJs issetjati u Bjorn

Vella ser ikun responsabbli u DJ set lesti ukoll. DanuSan provdejnilhom akkomodazzjoni fin-Nadur. Se ikun hawn 13 minn Zafferana fostna, u anke Pietro ta' Cicciano. Is-Sindku talab l-għajnuna tal-Kunsilliera f'ċertu ħinijet. Kien hemm qbil li nipprovdulom transport u ikla, u anke akkomodazzjoni ta' Pietro bhala President tal-Pro Loco ta' Cicciano li ser jospitana meta mmorru hemm. Gie diskuss ukoll rigward il-Karru li ġie mwaqqaf minn Malta u li l-pulizija ta' Għawdex huma informati.

**09.07.2 Attivita' librerija:**

Il-Kunsillier Joseph Vella ser ikun responsabbli fuq din l-attivita u l-programm. Ser nahdmu fuq ir-reklam u ser naraw li nolqtu xi gruppi biex jattendu.

**09.07.03 Nadur 8K**

Ġie diskuss id-disinn tal-Midalja u issa ser jghaddi ghand Paul Portelli.

**09.07.04 Attivitajiet ma' l-iskola Primarja Nadur**

Ġie diskuss biex tiġi organizzata clean up ma klassi oħra. Il-Viċi Sindku ser ikun responsabbli fuq site visit mat-tfal ta' l-iskola fil-Muzew Marittmu u s-shelter ma klassi oħra.

**09.07.05 Ħarga Anzjani Ħad Dingli:-**

Il-Viċi Sindku u Segretarja taw update rigward il-ħarga li kien hem Ħad-Dingli. L-anzjani hadu ħafna gost u l-Kunsill ta' Ħad Dingli daru ħafna bina. F' din l-attivita' ingabru flus mingħand l-anzjani għal missjoni lil Dun Raymond. Ġiet diskussa l-ħarga ta' marzu. Ġie diskuss tournament għat tfal f'Ħad Dingli u anke jitla' l-Kunsill hem gurnata oħra filgħaxija biex jigi iffirmat il-ftehim.

**09.07.6. Child Care Centre:**

Is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku taw update dwar dan fejn issa irid isir meeting apposta mal-awtoritajiet.

**09.07.7 Leman Cetin**

Din ser tkun hawn bit tfal ta' l-iskola bejn 10-14 ta' Mejju. Is-Sindku issuggerixxa li din għandha tingħata Iċ-Cittadanza Onorarja peress li ilha snin tiġi bit-tfal u taħdem fuq programmi flimkien ma' l-iskola tan-Nadur. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issekonda din u kien hemm qbil unanimu mill-membri l-oħra.

**09.9 Charter u Ġemellaġġi :**

**Charter Tisno –** Mark Azzopardi qed jaħdem fuq it-tema.

**Charter fi Spanja–** Grupp ta' 9 –li ser ikunu Eucharist Camilleri, Sue Ellen is-Segretarja, Il-Kunsilliera Josef Camilleri u Jean Paul Portelli, Charles Said, Owen Bugeja, Steve Buttigieg, Richard Portelli, u Ritiann Portelli.

**Cicciano 20 sena minn meta sar il-Gemellaġġ–** Grupp ta' 35 persuna. Is-Sindku qed jiffinalizza programm flimkien ma' Cicciano. Huma ser jiġu għal l-Mnarja u qed jgħinhom. It-tickets tal-Kunsilliera u staff huma ibbukjati u koperti minn naha tal-Kunsill għal din id-delegazzjoni. Qbil unanimu dwar dan.

**Zafferana** – Se nagħmlu grupp fl-ewwel weekend ta' Ottubru ma Ronald Briffa. Huma ġejjin għal Karnival ukoll.

**Baveno** – għandhom l-elezzjoni f'Mejju u għalissa weqfin.

**Charter gewwa l-Irlanda-** Il-Viċi Sindku ta' update dwar din id-delegazzjoni fejn marru hu flimkien ma' Mario Bonello u Joan Bonello. Hemm il-ħsieb li jmur grupp tal-Football tan-Nadur hemm.

**09.10 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

09.10.01 Live Streaming- qed nikkordinaw mal-Kuntrattur flimkien ma' ICT tad-DLG.

09.10.02 Toroq- ser niddiskutu mal-Ministru u ġie mizjud Triq Wied Rihan mal-BOQs

09.10.03 Triq ir-Ramla l-Qadima- Ġie diskuss rigward ittra lil Residenti u ukoll l-Press Conference.

09.10.04 Triq il-Buskett- Ġie maqbul li isir patching bis-sement.

09.10.05 Għar Mixta- Il-Kunsill ġie informat mill-Planning Authority li ġie miftuħ l-aċċess u tnaddaf mill-planters li gew installati mingħajr permess.

09.10.11 Pending: Gnien Kenuna dawl; Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Ashtray Bins Pjazza; Monument Karnival railing; Fossa gnien kunsill; Bus shelter pjazza.

**09.11. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

09.11.1 Sindku – Talba għal isem fi Sqaq San Blas. Is-Segretarja ser tara l-proċess meħtieg. Kien hemm qbil.

09.11.2 Sindku – Bozza fi Triq l-Andar- Kien hemm qbil.

09.11.3 Sindku- Talba għal bankijiet għal belvedere tad-Duru. Hawn kien hemm qbil li l-quddiem napplikaw ghal tisbih bil-fondi tal-DPF ghal-Duru u Triq Ramla Qadima.

09.11.3 Sindku- Talba għal 6 jardi sement għal Triq il-Qortin u sement fil-Wied Bingemma. Kien hemm qbil.

09.11.4 Sindku- Talba għal coloured Printer fl-uffiċċju tas-Sindku- kien hemm qbil.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

09.11.5 Segretaja- innotat li daħħlu cekkijiet bl-ammont ta’ 24,000 euro mingħand Planning Development fund u ser jitħallas il-Kuntrattur fuq is-safety mats.

09.11.6 Eucharist Camilleri- talab li naraw kif nirrangaw id-dawl fi Triq Inzul il-Francizi. Kien hemm qbil dwar dan.

09.11.7 Joseph Vella – Exhibiton tal-bolli flimkien ma Jesmond Borg, u talba lil customer care sabiex jitrangaw xirek fi Triq il-Qala. Kien hemm qbil fuq dan.

09.11.8 Jean Paul Portelli – Talba għal Yellow lines fi Triq it-Tigrija quddiem ħanut. Kien hemm qbil.

09.11.9 Jean Paul Portelli – talba għal mera fi Triq San Indrija. Kien hemm qbil.

09.11.10 Jean Paul Portelli- talba biex isir patching f’ xi ħofor fi Triq Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil.

09.11.11 Josef Camilleri- Talba għal dog bin f’Dahlet Qorrot. Kien hemm qbil.

09.11.12 Is-Segretarja, flimkien mas-Sindku infurmaw lil Kunsill Lokali bil-problema kbira ta’ spazju li qed naffacjaw, specjalment bhala storage ghal ghodda, makkinarju u affarijiet ohra li jintuzaw mill-haddiema fuq barra. Ilna snin infittxu garage fic-centru tal-lokal biex ikun qrib il-kunsill. Issa jidher li instab garage li jista jintuza ghal dan l-iskop proprju fl-istess triq. Is-Segretarja se tinnegozja prezz u kuntratt u tigi lura quddiem il-kunsill, Kien hemm qbil unanimu ghal dan.

**09.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgha, 4 ta’ Marzu, 2020 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |